MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru 376/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Cauchi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq talba ta’ l-Awtorita` tal-Ippjanar, kontra John Cauchi residenti 67, Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex talli, wara li kien gie notifikat b’avviz biex jieqaf u ta’ twettieq numru Gozo ECF 162/95 datat 10 t’Ottubru 1995, biddel l-uzu tal-art minghajr permess ta’ zvilupp f’sit go Ta’ Gok, Xewkija, Ghawdex stante li l-istess John Cauchi kien qed juza is-sit in kwistjoni biex johrog il-baqar fih, f’liema avviz l-istess John Cauchi inghata 16 (sittax) il-gurnata biex irregga’ lura s-sit ghall-istat originali u cioe` li jnehhi l-istess baqar minn fuq is-sit, izda l-istess John Cauchi kiser l-istess avviz biex tieqaf u ta’ twettieq stante li fl-4 ta’ Gunju, 1998 fis-sit in kwistjoni u cioe` is-sit go Ta’ Gok,

Xewkija, Ghawdex kien hemm aktar minn tnax-il baqar fis-sit, bi ksur tal-Aritkolu 56(1)(a) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; l-ewwel-qorti kienet mitluba sabiex jigu applikati l-provvedimenti kontemplati fl-Artikolu 56(1) ta' l-Att I tal-1992, li tikkonsisti fi hlas ta' multa bejn mhux inqas min Lm500 u mhux aktar minn hamsin elf lira (Lm50,000), kif ukoll sabiex jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 56(2) tal-Att I tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, u cioe` sabiex il-Qorti tordna lill-hati biex inehhi l-kawza tar-reat u li jregga' lura kull haga li saret minghajr permess jew li jhares il-kundizzjonijiet imposti fil-permess fiz-zmien bizzejjed ghal dan l-iskop, izda f'ebda kaz izjed minn tlett xhur minn data tas-sentenza, taht multa ta' mhux anqas minn Lm25 u mhux izjed minn Lm50 fin-nuqqas;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 ta' Dicembru, 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imputat John Cauchi hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu jhallas multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500), u obbligatu jregga' lura s-sit ghall-istat originali tieghu fi zmien tlett xhur taht penali ta' tmienja w hamsin euro u tlieta w ghoxrin centezmu (€58.23) ghal kull jum ta' nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Cauchi, minnu prezentat fid-19 ta' Dicembru 2008, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza jew, alternattivament u bla pregudizzju, tirriformaha billi tirrevokaha fejn imponiet il-penali ta' multa *per diem*;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009; ikkunsidrat:

Qabel xejn tajjeb li wiehed jara sew x'inhi l-akkuza u dwar x'hiex qed nitkellmu, ghax jidher li fiz-zelu zejjed kemm tal-avukat difensur tal-appellant (allura imputat) kif ukoll tal-avukat difensur tal-"parti civili", cioe` tal-persuna li orignarjament ghamlet l-ilment li kien qed isir zvilupp bla permess, intilef kompletament il-meritu ta' din il-kawza. Anke l-ewwel qorti, bid-dovut rigward lejha, naqset milli

tara li l-provi jkunu limitati ghal dak li hu relevanti – minflok halliet farragni ta' provi jsiru mid-difiza u mill-avukat tal-"parti civili" li tawwlu inutilment il-kawza quddiem l-ewwel istanza.

L-akkuza hi essenzjalment li l-imputat – illum appellant – John Cauchi ghamel zvilupp bla permess (Art. 56(1)(a), Kap. 356) fuq bicca art fil-post indikat fl-imputazzjoni, u dan billi biddel l-uzu tal-art in kwistjoni (Art. 30 tal-imsemmi Kap. 356). Mill-provi tal-prosekuzzjoni – u in partikolari mid-deposizzjonijiet ta' Mark Cini (fol. 3), ta' Rose Azzopardi (fol. 21) u ta' Carl Scerri (fol. 36) u d-dokumenti minnhom ezibiti – jirrizulta inkonfutabbilment ippruvat li John Cauchi qabad bicca art li kienet tikkonsisti fi blat, terrapien u ftit haxix (bicca art li giet deskritta mix-xhud tad-difiza Pinu Bugeja[1] bhala xaghri) u li kienet imdawwra b'hajt tas-sejjieh antik u (1) dawwarha b'hajt tal-kantun u (2) witta kompletament l-art biex din tkun tista' tintuza bhala *exercise yard* ghall-baqar tieghu. Dan kollu huwa ghamlu minghajr permess, u kull applikazzjoni u appell mid-decizjoni tad-DCC li huwa ghamel biex jipprova jissana dan l-izvilupp gew respinti. Dan kollu hu grafikament dokumentat fir-ritratti ezibiti mix-xhud Rose Azzopardi a fol. 24 tal-process. Sfortunatament, id-difiza thalliet tipproduci hafna provi irrelevanti, bhal, per ezempju, dwar jekk precedentement l-art in kwistjoni kienitx tintuza biex fuqha jirghu il-baqar, u kemm kien ikun hemm baqar, u jekk dawn il-baqar kienux baqar kuntenti. Huwa evidenti, jew kellu jkun evidenti, li altru li thalli baqar jirghu fuq bicca art fl-istat naturali taghha u altru milli dik il-bicca art ticcirkondaha b'hajt tal-kantun u tibddilha f'*exercise yard*.

Kwantu ghall-aggravji ta' l-appellant kif migjuba fir-rikors ta' l-appell tieghu, difficli biex wiehed jelenkahom f'ordni logiku ta' hsieb, ghax dana l-appell hu fil-fatt redatt billi dak kollu li gie f'mohh minn irredigieh intefa' fih bl-addocc. Jidher, pero` – ghall-anqas minn dak li setghet tifhem din il-Qorti – li bazikament wiehed jista' jidentifika erba' aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li l-prosekuzzjoni ma

[1] Fol. 78.

ppruvatx il-kaz taghha kif trid il-ligi. Fil-kors tal-argumenti migjuba, l-appellant jillanja in partikolari li l-avviz ta' twettiq tal-10 ta' Ottubru 1995 – ara kopja a fol. 8 – ma kienx jindika f'hiex kien jikkonsisti l-uzu tal-art minghajr permess u x'kellu jsir biex is-sit jerga' jitqieghed fl-istat originali tieghu, u ghalhekk l-appellant jikkontendi li dak l-avviz kien null. Issa, dan jista' jkun minnu, u cioe` li dak l-avviz kien null; pero` jibqa' l-fatt li minn provi indipendenti minn dak l-avviz jirrizulta, kif inghad, li kien hemm zvilupp bla permess konsistenti fil-kostruzzjoni tal-hajt tas-sejjieh u fit-tibdil ta' bicca art xghari f'*exercise yard*. Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha, hija sodisfatta li l-imputazzjoni giet pruvata skond il-ligi, ossia fil-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, cioe` lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Aggravju specifiku iehor hu li t-tibdil tal-uzu f'dan il-kaz ma kienx jammonta ghal zvilupp fit-termini tal-ligi. Dan l-aggravju hu manifestament infondat. It-tibdil ta' bicca art li kienet fl-istat naturali taghha (ghalkemm forsi zdingata) ghal *exercise yard* kjarament jaqa' fid-definizzjoni ta' zvilupp li ghalih jehtieg permess fit-termini tal-Artikolu 30 tal-Kap. 356.

L-appellant jghid ukoll li "fil-mori ta' din il-kawza gie ezibit permess li nhareg recentement mill-Awtorita` tal-Ippjanar minn fejn johrog car illi l-istess awitorita` qieghda tirratifika fi kwalunkwe kaz il-posizzjoni tal-esponent u allura jista' liberament ikompli jaghmel uzu minnha bil-mod kif qieghed jaghmel illum". Il-Qorti jiddispjaciha tinnota li dan ma hu xejn ghajr tentattiv da parti tal-appellant biex jipprova jizgwida lil din il-Qorti. Il-permess in kwistjoni, datat 28 ta' Settembru 2007 – ezibit kemm a fol. 225 kif ukoll a fol. 235 – jirreferi ghal sit iehor fi Triq San Lawrenz Sannat u, kif jinghad fuq l-istess permess, huwa intiz bhala "relocation of a farm from an inhabited area", li kien is-sit meritu tal-imputazzjoni.

Finalment l-appellant jghid li l-multa *per diem* "ma setghetx tigi imposta minn issa fis-sentenza". Dan l-aggravju hu manifestament fieragh, ghax huwa car li, skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 56 tal-Kap. 356, tali "penali" tista', anzi ghandha, tigi imposta proprju fis-

sentenza li permezz taghha l-hati jigi ordnat biex inehhi l-kawza tar-reat u jregga' lura kull haga li tkun saret minghajr permess.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu ta' tlett (3) xhur ghar-ripristinar tas-sit jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------